# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 27 ta' April 2023**

**Avviż numru: 2/2020 BS**

**Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**-vs-**

**Lorenzo Delfono**

**Il-Qorti;**

**Rat l-Avviż** fejn ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talab lil konvenut Lorenzo Delfino jgħid għaliex m'għandux jinstab ħati ta' disprezz għall-awtorita' tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri, Sezzjoni Generali fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiġi kkundannat għall-pieni preskritti mil- liġi għal tali disprezz peress illi neħħejt l-oġġetti maqbuda peremzz tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 145/2018 JVC li ġie akkordat fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) mill-fond bla numru uffiċjali fi Triq il-Kapuċċini, Rabat, Għawdex kif indikat aħjar fl-imsemmi mandat, liema digriet kien jipprekludik milli tiddisponi bi kwalunkwe mod minn *fridge, mixer, pizza oven, oven, cooker, trays u* mejda li kienu jinstabu fil-fond imsemmi.

Bl-ispejjes u bis-subizzjoni skond il-liġi.

Rat ir-risposta tal-konvenut illi eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni aodjerna tinsab preskritta fit-termini ta' l-artikoli 2153 u 2154 (1) tal-Kap XVI tal-ligijiet ta' Malta. Ghal kull bwon fini jigi ddikjarat illi l-ewwel darba li l- espoennti gie notifikat b'dawn il-proceduri kien fil-5 ta' Mejju 2021.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespst fil-mertu ma huwiex minnu illi l-esponenti b'xi mod kiser il-mandat imsemmi

3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-drittu fil-fatt u dan kif se jigi mostrat f'dawn il-proceduri u kwindi l-istess talbiet qed jigu aopposti u kkontestati, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-rikors tar-Reġistratur attur tas-27 ta' Jannar, 2020.[1]

Rat li l-konvenut ġie notifikat fit-30 ta' April, 2021.

Rat ir-risposta tal-konvenut.[2]

Rat ir-rikors tal-konvenut sabiex jiġi ammess permezz tal-benefiċju ta' l-għajnuna legali.[3]

Rat li t-talba ġiet akkordata fil-15 ta' Lulju, 2021 u ġie nominat Dr Joseph Grech bħala l-Avukat ta' l-Għajnuna legali.[4]

Rat li fis-seduta tas-27 ta' April, 2022 Dr Joseph Grech ġie sostitwit b'Dr Deborah Camilleri.[5]

---

[1] A fol 1 tal-process
[2] A fol 10 tal-process
[3] A fol 13 tal-process
[4] A fol 17 tal-process
[5] A fol 22 tal-process

Rat in-nota tar-Reġistratur tad-19 ta' Jannar, 2023 li permezz tagħha din il-Qorti intalbet tgħaddi għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

Fliet l-atti kollha.

Rat li fis-seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2023 l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza preliminari fuq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

**Ikkunsidrat.**

**Preliminari.**

Permezz ta' din il-kawża ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) qed titlob li l-konvenut Lorenzo Delfino jinstab ħati ta' disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti u jiġi kkundannat iħallas il-piena preskritta fil-liġi talli neħħa oġġetti maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid kwatelatorju bin-numru 145/2018JVC liema mandat kien akkordat fis-17 ta' Ottubru, 2018. Tgħid ukoll li l-oġġetti ġew elevati mill-fond bla numru fi Triq il-Kapuċċini, Rabat, Għawdex.

Il-konvenut jilqa' ghat-talbiet attriċi billi fl-ewwel lok jeċċepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikoli 2153 u 2154 tal-Kap 16 Liġijiet ta' Malta. Jgħid ukoll li ma hux minnu li huwa kiser l-ordni tal-mandat in kwistjoni u li fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi qed jiġu kontestati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tqis l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni imqajjma mill-konvenut.

**Id-Dritt**

Il-konvenut jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq żewġ Artikolu mill-Kap 16 Liġijiet ta' Malta – l-Artikolu 2153 u l-Artikolu 2154.

L-Artikolu 2153 jipprovdi li **"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."**

L-Artikolu 2154 jipprovdi illi **"(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.**

**(2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista'jippreskriviha qatt, igħaddi kemm igħaddi żmien"**

Huwa ben ċar li dawn iż-żewġ artikoli jirreferu għal azzjoni ċivili għall-ħlas ta' ħsarat – fl-Artikolu 2153 jirreferi għal ħlas ta' ħsarat li ma jkunux ikkaġunati b'reat mentri l-Artikolu 2154 jirreferi għal dawk il-ħsarat ikkaġunati b'reat. Dan ifisser li l-Qorti trid tiżen il-fatti li għandha quddiemha u tiddeċiedi *in primis* jekk l-azzjoni li għandha quddiemha illum hix azzjoni għal ħlas ta' ħsarat.

**Ikkunsidrat**

Minn qari ta' l-avviż jirriżulta li l-attur fil-kawża odjerna huwa r-Reġistratur tal-Qorti (Għawdex) u li l-azzjoni hija diretta kontra l-konvenut Lorenzo Delfino. It-talba li qed issir mir-Reġistratur hija li l-konvenut jinstab ħati ta' disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti u li għandu jiġi kkundannat il-pieni preskritti fil-liġi.

Dan ifisser illi l-kawża odjerna qed issir a bażi ta' l-Artikolu 997 tal-Kap 12 Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

**"(1) Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.**

**(2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn**

**tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) umhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi"**

L-Artikolu preċitat huwa "*ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti.*"[6]

Huwa fatt mhux kontestat illi l-Qorti għandha s-setgħa li tagħti ordnijiet u fost dawn hemm il-ħruġ tal-Mandati kemm esekuttivi kif ukoll kawtelatorji. Il-ksur ta' kull ordni li tagħti l-Qorti jammonta għall-disprezz lejn l-awtorita' li bis-saħħa tagħha tkun ingħatat dik l-ordni u huwa fl-interess soċjali kif ukoll li jinżamm il-buon ordni pubbliku li l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti jiġu obduti u li jekk ma jsirx hekk l-infrazzjonijiet jiġu puniti.

Dan ifisser għalhekk li l-azzjoni li għandha quddiemha llum din il-Qorti hija li timponi piena fuq il-konvenut u ma hix azzjoni għal ħlas ta' ħsarat u *dunque* l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ser tiġi miċħuda billi mhux applikabbli għal każ odjern.

**Deċide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi, l-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Tordna il-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

---

[6] Bonello vs Onor. Prim Ministru et, Appell, deciz fit-28 ta' Frar 1997

Spejjeż ta' din is-sentenza preliminari jitħallew għal ġudizzju finali.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur